IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2021
COM(2021) 421 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) 1094/2010, (UE) 1095/2010

ANNESS I

Lista ta’ koeffiċjenti marbutin ma’ fatturi aggravanti u ta' mitigazzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu

Lista ta’ koeffiċjenti marbutin ma’ fatturi aggravanti u ta' mitigazzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 20.

Il-koeffiċjenti li ġejjin għandhom ikunu applikabbli b'mod kumulattiv mal-ammonti bażiċi msemmija fl-Artikolu 20(6) abbażi ta' kull wieħed mill-fatturi aggravanti u ta' mitigazzjoni li ġejjin:

I. Koeffiċjenti ta’ aġġustament marbutin ma’ fatturi aggravanti:

1. Jekk il-ksur jitwettaq ripetutament, għal kull darba li jiġi ripetut, għandu japplika koeffiċjent addizzjonali ta’ 1,1;

2. Jekk il-ksur jitwettaq għal aktar minn sitt xhur, għandu japplika koeffiċjent ta' 1,5.

3. Jekk il-ksur ikun kixef dgħufijiet sistemiċi fl-organizzazzjoni tal-entità marbuta b’obbligu, partikolarment fil-proċeduri, is-sistemi tal-maniġment jew il-kontrolli interni tagħha, għandu jiġi applikat koeffiċjent ta' 2,2.

4. Jekk il-ksur twettaq intenzjonalment, għandu japplika koeffiċjent ta' 3.

5. Jekk ma ttieħdet l-ebda azzjoni ta' rimedju minn meta kien identifikat il-ksur, għandu japplika koeffiċjent ta' 1,7.

6. Jekk il-maniġment superjuri tal-entità marbuta b’obbligu magħżula ma kkoperax mal-Awtorità fit-twettiq tal-investigazzjonijiet tagħha, għandu japplika koeffiċjent ta' 1,5.

II. Koeffiċjenti ta' aġġustament marbutin ma' fatturi ta’ mitigazzjoni:

1. Jekk il-maniġment superjuri tal-entità marbuta b’obbligu magħżula jista' juri li ħa l-miżuri neċessarji kollha biex jipprevjeni l-ksur, għandu japplika koeffiċjent ta' 0,7.

2. Jekk l-entità marbuta b’obbligu magħżula ġibdet l-attenzjoni tal-Awtorità dwar il-ksur malajr, b’mod effettiv u komplet, għandu japplika koeffiċjent ta’ 0,4.

3. Jekk l-entità marbuta b’obbligu magħżula tkun ħadet volontarjament miżuri biex tiżgura li ma jkunx jista' jseħħ ksur simili fil-futur, għandu japplika koeffiċjent ta' 0,6.

ANNESS II

Lista ta' rekwiżiti applikabbli direttament imsemmija fl-Artikolu 21(1) u 21(3)

1. Rekwiżiti relatati mad-diliġenza dovuta tal-klijent imsemmija fl-Artikolu 21(3), il-punti (a) u (b) għandhom ikunu dawk: fl-Artikoli 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 27, 28, 30, 31, 32, 34, 36 u 37 ta' [AMLR].

2. Rekwiżiti relatati mal-politiki tal-grupp u proċeduri msemmija fl-Artikolu 21(3), il-punt (a) għandhom ikunu dawk: fl-Artikoli 13 u 14 ta' [AMLR].

3. Rekwiżiti relatati mal-obbligi ta' rapportar imsemmija fl-Artikolu 23(3), il-punti (a) u (b) għandhom ikunu dawk: fl-Artikoli 50, 51 u 52 ta'[AMLR] u l-Artikoli 9, 13 u 18 ta' [TFR riformulat].

4. Rekwiżiti relatati ma' politiki interni, kontrolli u proċeduri msemmija fl-Artikolu 23(3), il-punt (b) għandhom ikunu dawk: fl-Artikoli 7, 8, 9, 38, 39 u 40 tal-[AMLR].

5. Rekwiżiti oħra msemmija fl-Artikolu 23(3), il-punti (c) u (d) għandhom ikunu dawk: fl-Artikoli 54, 56, 57 u 58 ta' [AMLR] u fl-Artikoli 7, 8, 10, 11, 12, 14, 16, 17, 19, 21 ta' [TFR].